MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2009

Numru. 349/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**
**[Spettur Jesmond Micallef]**

**vs**

**Peter Borg**

Kumpilazjoni Nru: 349/2008

**Illum, 2 ta’ Frar, 2009,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Peter Borg ta' 46 sena, iben Roque u Antonia nee’ Magro, mwieled Pieta’ fil-21 ta’ Gunju 1961 residenti gewwa 17, St. Paul House Triq Tal-Gebel Birzebbugia, detentur tal-karta ta’ identita 424861M.

U nakkuzat talli, fis-17 ta’ April 2008 u fix-xhur ta’ qabel fl-inhawi ta’ Malta b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fiz-zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;.

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ ta xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta’ haddiehor liema qliegh jammonta ghall-aktar minn 2329.37 Euro (Lm1000)

b) talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi ghamel xi qliegh iehor b’qerq bi hsara ta’ haddiehor liema qliegh jammonta ghall-aktar minn 2329.37 Euro (Lm1000)

c) talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi permezz ta’ uzin jew kejl falz qarraq lill-haddiehor fuq il-kwantita t’ogetti moghtijin b’titolu oneruz liema qliegh jammonta ghall-aktar minn 2329.37 Euro (Lm1000)

d) talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn dawk is-servizzi jew facilitajiet ta’ Enemalta minghajr dik il-licenzja jaw dak il-permess mehtieg jew kiser jew naqas li jhares il-kundizzjonijiet ta’ licenza bhal dik jew permess bhal dak.

e) talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi wettaq xi attivita jew operazzjoni jew kien ingaggat f’xi attivita jew operazzjoni tali li tirrigwarda ir-rizorsi tal-energija, l-ilma u l-minerali minghajr ma kellu licenza, permess jew awtorizazzjoni ohra tal-awtorita taht dan l-att

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f’kaz ta’ htija tordna s-sospensjoni jew it-thasir jew l-iskwalifika tal-licenzja jew permess mahrug mill-awtorita regolatorja lill-imputat Peter Borg

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti ai termini ta’l-artikoli:

a) 18, 308, u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta;
b) 18, 309, u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta;
c) 18, 307, u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta;
d) 14, 45(c), u 46(1)(2) tal-Kap 272 tal-Ligijiet ta’Malta u l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e) 4(1)(b) u 26(1)(2) tal-Kap 423 tal-Ligijiet ta’Malta u l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f) 17, 23, 31, u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi ghal dak li huma l-fatti ftit li xejn hemm kontestazzjoni. L-imputat huwa distributur tac-cilindri tal-gas. Huwa awtorizzat jiggestixxi din l-attivita in forza ta’ licenzja naxxenti minn kuntratt ta’ Settembru 1992[1] u li kien iffirmat mill-Korporazzjoni Enemalta; il-kuntratt baqa jigi mgedded minn sena ghal sena taht l-istess kundizzjonijiet. L-Awtorita Maltija ghar-Rizorsi (li llum hija r-regolatur fil-qasam ta’ kull prattika, operazzjoni u attivita li tirrigwarda r-rizorsi ta’l-energija, l-ilma u l-minerali) baqghet tirrikonoxxi u ggedded dan il-kuntratt minn sena ghal sena taht l-istess kundizzjonijiet. L-imputat m’ghandux licenzja ghall-ibbottiljar jew hazna tal-gas.

Illi jirrizulta li f’xi zmien qabel is-17 ta’ April 2008 l-imputat kien beda sistema li permezz taghha kien jixtri cilindri tal-gas vojta jew kwazi vojta minghand il-konsumatur u jzommhom ghandu. Dawn ic-cilindri l-vojta kien jimlihom billi jiehu ftit gas mic-cilindri l-mimlija li huwa jkun gab minghand l-Enemalta ghad-distribuzzjoni. Meta jimla c-

[1] Esebiet bhala dok CB1 a fol 157.

cilindri l-vojta b'dan il-metodu, jissigillhom bit-tappijiet li huwa kien igib mid-depot ta'l-Enemalta, biex mbaghad ibiegh dawn ic-cilindri li jkun ibbottilja huwa stess lill-konsumatur. Huwa kien ibiegh ukoll lill-konsumatur ic-cilindri li minnhom kien jiehu l-gass. Din l-operazzjoni kollha kienet issir f'garaxx li l-imputat ghandu f'San Annard limiti ta' Haz-Zabbar fejn kellu l-attrezzi kollha necessarji ghal din l-operazzjoni. Qabel l-istess operazzjoni l-imputat kien jaghmilha fuq skala izghar f'garaxx iehor.

Illi fis-17 ta' April tas-sena 2008 l-imputat kellu fil-pussess tieghu sebgha mija u wiehed u ghoxrin (721) cilindru tal-gas; dawn instabu fil-garaxx fuq imsemmi. Mill-kalkoli li saru permezz tar-records mizmuma mill-Korporazzjoni Enemalta jirrizulta li l-imputat suppost kellu fil-pussess tieghu tlett mija u tmenin (380) cilindru tal-gas. Dan il-kalkolu jsir billi wiehed jara kemm jiehu cilindri minghand l-Enemalta u kemm jirritorna lura.

Illi jirrizulta wkoll li, bis-sistema prezentement adoperata mill-Korporazzjoni Enemalta, wara li c-cilindri jigu bbottiljati jintieznu biex jigi verifikat il-piz taghhom; ic-cilindri tat-tnax il-kilo jitiqiesu tajba ghall-bejgh b'margin of error ta' erbgha mitt gramm (400gr) cioe jitqiesu tajba ghal bejgh dawk li jkollhom erbgha mitt gramma (400gr) anqas jew aktar minn tnax il-kilo. Id-distributuri ghandhom l-opportunita jieznu c-cilindri qabel ma johorgu bihom mid-depot tal-Qajjenza. Ic-cilindri tat-tnax il-kilo jinbieghu bi prezz ta' hames Euro u erbghin centezmu (5.40).

Ikkunsidrat

Illi minn ezami tar-rapport ta'l-espert Vincent Ciliberti u d-depozizzjonijet ta' l-Inginier Mario Magri[2] jirrizulta li mis-sebgha mija wiehed u ghoxrin (721) cilindru li kellu l-imputat, ghaxra kellhom uzin korrett; dawn kienu cilindri tal-hamsa u ghoxrin (25) kilo. Ic-cilindri l-ohrajn, li kienu tat-tnax il-kilo, kienu mimlija pero kollha b'nuqqas akbar

[2] Huwa iddepona quddiem l-espert Vincent Ciliberti (fol 96 tal-Process), u quddiem din il-Qorti (fol 48 tal- process).

minn dak li jitqies bhala margin of error accettabli mill-Enemalta. L-espert Vincent Ciliberti ma jispecifikax kemm kien dan in-nuqqas fil-waqt li l-Inginier Mario Magri qal li n-nuqqas kien "ta' bejn zewg kilos".

Illi pero mill-istqarrija ta' l-imputat[3] (li huwa kkonferma b'gurament waqt id-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti) jirrizulta li mis-sebgha mija wiehed u ghoxrin (721) cilindru, ghaxra (10) kienu mimlija u kellhom uzin korrett, sebgha u sebghin (77) kienu vojta, u l-bilanc ta' sitt mija u erbgha u tletin (634) kienu mimlija b'nuqqas f'l-uzin li jvarja minn 0.7 ta' kilogramma sa 3.5 kilogramma.

Illi minn imkien mill-atti ma jirrizulta elenku ta' kull wiehed mic-cilindri u li jindika ghal kull cilindru l-piz attwali u kemm kien in-nuqqas (f'l-uzin) akbar minn dak il-margin of error accettabbli ghall-Enemalta.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali[4] huma dawk ta' truffa, frodi innominata, qerq permezz ta' uzin jew kejl falz, uzu mis-servizzi tal-Korporazzjoni Enemalta minghajr licenzja jew bi ksur ta' xi kundizzjoni tal-licenzja, u li wettaq attivita li tirrigwarda r-rizorsi ta' l-energija minghajr licenzja jew bi ksur ta' xi kundizzjoni tal-licenzja. L-ewwel tlett reati b'l-aggravju ai termini ta'l-artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali u cioe dak ta' l-ammont ta' hsara ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (Euro 2,329.37).

Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta'*

[3] Dok FF4 esbieta a fol 32 tal-process.
[4] A fol 144 tal-process.

*ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[5].

Illi minn ezami tal-fatti u b'mod partikolari l-operat ta'l-imputat certament jirrizulta l-element tal-qerq li gab telf patrimonjali lill-konsumatur (huma hallsu ghal cilindru li suppost kien fih tnax il-kilo gas meta fil-fatt kienu qed jigu suppliti b'kwantita anqas) u qliegh lill-imputat (li kien qed tihallas darbtejn ta' dak il-gas li jnehhi min cilindru u jqeghdu f'iehor.

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artiifizji jew raggiri, ikunu xi haga ikkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[6]

Illi din l-kawza hawn fuq kwotata u hafna ohrajn bhala[7] kienu jikkoncernaw hrug ta' cheque li ma giex onorat ghaliex ma kienx hemm fondi bizzejjed biex ikopruh fil-kont ta' min ikun hareg ic-cheque. Fil-fatt il-Qorti f'dawn il-kawzi inkludiet fost il-forom li l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu s-sitwazzjonijiet ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta fil-fatt m'ghandiex.

Illi b'analogija jista jitqies ukoll bhala raggiri u/jew artifizji l-agir ta' l-imputat meta huwa, ben konsapevoli li c-cilindri li huwa kien qed jipprovdi lill-konsumatur ma kellhomx uzin ta' tnax il-kilo, prezentahom bhala cilindri ta' tnax il-kilo u esiega l-hlas prestabbilit ghal cilindri ta' tnax il-kilo.

---

[5] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenzahemm kwotata.
[6] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[7] Ara per ezempju Pulizija vs John Christopher Martin AK deciza 19.01.2006.

Illi ghalhekk jirrizultaw pruvati l-ewwel tlett imputazzjonijiet u cioe dawk ipotizzati taht l-artikoli 308, 309, u 307 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi kif diga ntqal skond in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju qed jigi allegat li l-ammont ta’ hsara teccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (Euro 2,329.37) u ghalhekk, ai fini ta’ piena, huwa applikabbli ukoll l-artikolu 310(1)(a) tal-Kap 9.

Illi ghandu jigi rilevat li meta qed jigi determinat l-ammont ta’ hsara bi qliegh imputabbli lill-imputat irid jittiehed in konsiderazzjoni mhux biss l-ammont nieqes li kien hemm fic-cilindri li kienu ghand l-imputat legittimament imma anke l-kwantita ta’ gas kollha li kien hemm fic-cilindri l-ohra, ghaliex dik il-kwantita ta’ gass kollha ttiehdet b’qerq minn cilindri ohrajn.

Illi pero l-ammont ta’ hsara mhux daqshekk facilment determinabbli bi precizjoni f’dan il-kaz u dan minhabba l-fatt li, kif diga ntqal, m’hemmx elenku dettaljat tan-nuqqas f’kull cilindru. Naturalment kull dubbju li jista jemergi ghandu jmur favur l-imputat.

Illi mill-istqarrija jirrizulta li cilindri mimilja, kien hemm ghaxra (10) b’uzin korrett u sitt mija erbgha u tlettin (634) b’nuqqas li jista jvarja minn 0.7 ta’ kilogramma sa 3.5 kilogramma. Ghalhekk u la darba ma jistax jigi determinat x’nuqqas kien hemm f’kull cilindru l-Qorti ser ikollha tassumi li n-nuqqas kien biss ta’ 0.7 ta’ kilogramma f’kull cilindru.

Illi l-akbar ammont ta’ cilindri li l-imputat seta’ kellu legittimament fil-pussess tieghu kien tlett mija u tmenin (380), ghaxra kellhom uzin korrett l-ohrajn, cioe tlett mja u sebghin (370) kellhom nuqqas li, kif fuq inghad, ser ikollu jigi kalkolat fuq rata ta’ 0.7 ta’ kilogramma kull cilindru b’total ta’ 259 kilogramma ghal valur ta’ mija u sittax il-Euro u hamsa u hamsin centezmu (Euros 116.55)[8] li

[8] Cilindru ta’ tnax il-kilo jiswa Euros5.40 ghalhekk kilo gass tiswa 45euro centezmi

tirraprezenta qligh bi hsara ta’ haddiehor fir-rigward ta’ dawn it-tlett mija u tmenin cilindru.

Illi mic-cilindri l-ohra li l-imputat kellu fil-pussess tieghu sebgha u ebghin (77) kienu vojta, l-ohrajn, mitejn erbgha u sittin (264), kienu mimlija. Il-kontenut ta’ dawn ic-cilindri jirraprezenta gas mehud minn cilindri ohra. Jekk f’kull wiehed minn dawn il-mitejn u erbgha u sittin cilindru kien hemm 10.9 kilogrammi[9] li ittiehdu minn cilindri ohra (li nbieghu b’nuqqas) jirrizulta total ta’ elfejn tmien mija u sebgha u sbghin punt sitta kilogramma (2,877.6kg) gas li ttiehed b’qerq; il-valur ta’ dan il-gas huwa Euros 1294.92 li jirraprezenta qligh bi hsara ta’ haddiehor fir-rigward tal-kumplament tac-cilindri.

Illi ghahekk it-total ta’ qliegh bi hsara li tista tigi imputata lill-imputat a bazi tal-provi prodotti hija dik ta’ Euros 1411.47 u konsegwentment l-paragrafu tas-subartikolu 310(1) applikabbli ghall-kaz in ezami huma dak b’l-ittra “b”.

Ikkunsidrat

Illi mill-fatti kif fuq esposti jirrizulta ampjament li fil-kors ta’ l-operat tieghu l-imputat kien qed jahzen u jibbottilja gas u li huwa ma kellux il-licenzji – licenzji mahruga mill-Awtorita Maltija ghar-Rizorsi li ai termini ta l-artikolu 4(1)(b) tal-Kap 423 tal-Ligijiet ta’ Malta hija l-awtorita li tista tghati tali permessi – biex jaghmel hekk.

Illi mill-fatti kif fuq esposti jirrizulta ukoll, ex admissis mid-depozizzjoni tieghu, li l-imputat fil-kors ta’ l-operat tieghu ma kienx jiccekkja c-cilindri qabel ma jitlaq mill-impjant tal-Qajjenza imma kien jibqa sejjer bihom l-garaxx tieghu, jiccekkjahom hemm u jekk issib uzin hazin jew sigilli mkissra minflok kien johodhom lura ghand l-Enemalta sa l-ghada kif kien obligat jaghmel ai termini tal-kuntratt tieghu[10] huwa kien joqghod jzied u jnaqqas f’l-uzin u jbiddel is-sigilli kif jidhirlu hu.

[9] Kull cilindru ta’ 12 il-kilo li minnhom ghandu jitnaqqas margin of error ta’ 0.4kg u 0.7kg li gie stabbilit bhala l-uzin nieqes f’kull cilindru oltre l-margin of error.
[10] Ref kundizzjoni 6(a) tal-kuntratt esebiet a fol 157.

Illi l-istess kuntratt jispecifika[11]li d-distributur huwa obbligat li jirritorna c-cilindri vojta ghand l-Enemalta u li huwa pprojbit milli jahzen cilindri kemm vojta kif ukoll mimlija.

Illi ghalhekk jirrizulta ampjament li l-imputat kien qed jikser il-kundizzjonijiet tal-licenzja lilu mghotija bhala distributur u b'mod partikolari l-kundizzjonijiet 3(a), 3(b) u 6(a).

Illi ta' min jirrileva li minkejja dak sottomess mid-difieza, ghalkemm l-artikolu 14 tal-Kap 272 jitkellem fuq "pitrolju u energija elettrika" id-definizzjoni ta' "pitrolju" f'l-istess Kapitolu tinkludi "gass petroleum likwefatt u gass naturali u sew jekk fi stat mhux raffinat jew naturali kemm f'forma processata jew raffinata" u konsewgentement ir-referenza ghall-pitrolju f'l-artikolu 14 imsemmi tinkludi referenza ghat-tip ta' gass mahzun, ibbottiljat u mibugh mill-imputat minghajr licenzja.

Illi in vista tas-suespost jirrizulataw pruvati ukoll ir-raba u l-hames imputazzjoni u cioe dawk ir-reati ipotizzati taht l-artikoli 14, 45(c), u 46(1)(2) tal-Kap 272 tal-Ligijiet ta'Malta u l-artikoli 4(1)(b) u 26(1)(2) tal-Kap 423 tal-Ligijiet ta'Malta

Illi dawn l-atti kollha ta' l-imputat kienu maghmula b'rezoluzzjoni wahda ghalhekk ghandhom jitqiesu bhala reat wiehed kontinwat ai termini ta'l-artikolu 18 ta' l-Kap 9.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 18, 307, 308, 309, u 310(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta u l-artikoli 14, 45(c), u 46(1)(2) tal-Kap 272 tal-Ligijiet ta'Malta kif ukoll l-artikoli 4(1)(b) u 26(1)(2) tal-Kap 423 tal-Ligijiet ta'Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah disgha xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sena u  multa ta' tlett elef Euro (Euro 3000).

[11] Ref kundizzjoni 3(a)(b).

In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 30 tal-Kap 9 il-Qorti qed tordna li l-licenzja mahruga f'isem l-imputat bhala distributur tigi mhassra u qed tordna ukoll l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti esebieti in atti u b'mod partikolari dawk esebieti bhala Dokumenti FF5 sa FF13 u dawk esebieti formalment u cioe 721 cilindru tal-gas u sitt imwiezen.

In konkluzjoni l-Qorti qed tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' disgha mija hamsa u tmenin Euro u erbgha u erbghin cenntezmu (985.44) rapprezentanti spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti; il-hlas ghandu jsir fi zmzien sitt xhur.

Il-Qorti spjegat lill-hati r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu fuq imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------